KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**ID-DISA’ (9) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Disgħa (9)***

***It-Tlieta, 11 ta’ Frar, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa’ għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 9 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa ta’ filgħaxija (5:00pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI (attendiet b’mod virtwali) |
| Il-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO (attenda fis-6:15pm) |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

Tressqet talba mingħand il-Kunsilliera Christine Dalli li talbet lill-Kunsill biex jekk possibbli tattendi l-laqgħa b'mod virtwali minħabba raġunijiet personali ġustifikati. Il-membri tal-Kunsill kollha ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

9.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 8 li nżammet nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2025

9.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 8 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

9.2.3 **Mozzjoni Numru 9-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 8

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Vici Sindku Brian Xuereb

Il-Minuti Numru 8 ġew approvati unanimament.

## 9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 09(09) – Frar 2025*

9.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 09(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11707 sa 11747 kif ukoll cheque bin-numri 7253 u 7258 li jammontaw €53,798.97

9.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

9.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ukoll ħlas ta' pagament pendenti tax-xogħlijiet li saru fil-faċċata tal-Kunsill li jammonta għal €2000.

9.3.4 **Mozzjoni 09-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 09(09)

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

L-iskeda ta' pagamenti numru 09(09) ġiet approvata unanimament.

## 9.4 Karnival 2025

9.4.1 Infetħet id-diskussjoni dwar din il-materja fejn is-Sindku Karl Boxall taha spjegazzjoni ta' kif ġie mqassam il-programm tal-attivitajiet kollha fil-jiem tal-Karnival. Dan il-programm ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

9.4.2 Is-Sindku Karl Boxall talab l-assistenza tal-Kunsilliera kollha biex dakinhar tal-attivitajiet kulħadd jagħti sehmu biex l-attivitajiet pjanati jirnexxu.

## 9.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

9.5.1 Is-Sindku Karl Boxall ppropona li l-Kunsill jerġa' jagħmel żewġ CCTV cameras fil-Pjazza minflok li kien hemm qabel li m'għadhomx jiffunzjonaw. Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li hemm prioritajiet oħra li kien iddeċieda l-Kunsill li jsiru speċjalment il-cameras ta' Dawret Ħal Għaxaq. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li l-ewwel isiru l-cameras tal-Bypass lejn Triq it-Tgeżwira, lejn Triq il-Gudja u Triq it-Tumbarellu. Rigward il-cameras tal-Pjazza il-Kunsill qabel li jġib stima.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Jesmond Manicolo (fis-6:15pm)*

9.5.2 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba mingħand resident sabiex titranġa Triq tal-Millieri minħabba li żżomm l-ilma. Il—Kunsill qabel li jressaq l-ilment lill-Transport Malta U Infrastructure Malta.

9.5.3 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar il-monument li l-Kunsill ppropona li jsir fi Vjal il-Labour. Huwa ppreżenta d-disinn fuq il-mejda tal-Kunsill. Il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li l-kliem isiru stainless steel minflok ġebel u l-arma issir il-forma tal-coat of arms. Il-Kunsill approva dan id-disinn u se jkun qed jinbeda l-proċess biex issir l-applikazzjoni ma PA.

9.5.4 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li se jkun qed jinbeda x-xogħol tal-Enemalta fi Triq il-Ġistakor minn għada.

9.5.5 Is-Sindku Karl Boxall qal li se jkun qed jinħareġ it-tender għal van 9-seater li se jkun qed jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-LESA. Rigward is-servizz li se jkun qed jingħata bil-vann, il-Kunsill qabel li dan jintuża' għal vjaġġi l-isptar, ċentri tas-saħħa u banek tal-viċinanzi.

9.5.6 Is-Sindku Karl Boxall kellem lill-Kunsillier Jesmond Manicolo dwar is-sehem tiegħu fil-Kunsill speċjalment fejn jidħlu d-dekasteri tiegħu. Huwa staqsa jekk iħossx il-bżonn li d-dekasteri tiegħu jiġu mgħoddija lil xi Kunsillier ieħor. F'dan l-istadju ġie deċiż li l-Kunsillier Jesmond Manicolo jżomm id-dekasteri li għandu u jassistih ftit il-Kunsillier Steven Axisa.

9.5.7 Is-Sindku Karl Boxall fetaħ id-diskussjoni dwar l-organizzazzjoni tal-attivitajiet għal Jum Ħal Għaxaq. Huwa qal li jixtieq li ssir Memento li fuqha jibdew jinkitbu l-ismijiet ta' min jiġi ppremjat b'Ġieħ Ħal Għaxaq filwaqt li tingħata ukoll midalja li din tkun tista' tingħata direttament lill-persuna li jiġi ppremjat. Il-Kunsillier Steven Axisa ppropona li

jinħareġ avviż kif ukoll jintbagħat lill-għaqdiet lokali bil-formola tan-nominazzjoni għal Ġieħ Ħal Għaxaq sabiex jibdew jitressqu n-nominazzjonijiet li wara jitressqu waqt il-Laqgħa tal-Kunsill.

9.5.8 Is-Sindku Karl Boxall ppropona li bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Għaxaq isir kunċert fil-Pjazza. Għal din il-proposta is-Sindku Karl Boxall qal li se jkun qed jaħdem sabiex jinġieb fond finanzjarju biex isir, kif ukoll jibdew jintalbu xi donazzjonijiet. Dwar dan il-Kunsill qabel fil-prinċipju. Sadanittant il-Kunsill se jkompli jaħdem fuq l-attivitajiet biex sal-laqgħa li jmiss ikun jista' jiġi ppreżentat il-programm t'attivitajiet għal Jum Ħal Għaxaq.

9.5.9 Il-Kunsillier Steven Axisa xtaq jitkellem dwar il-multi li ħarġu dan l-aħħar fir-rigward tal-iskart. Huwa qal li mhux kontra li jinħarġu l-multi fejn ikun hemm l-abbużi imma dawn il-multi għandhom ikunu ġusti. Il-Kunsill kollu qabel li hu

## 9.6 Korrispondenza

9.6.1 Tressqet korrispondenza dwar SPI/SCI/02/2025 dwar l-iSkema ta' Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026. Il-Kunsill qabel li jerġa' japplika għal din l-iskema' għal fond tal-Karnival Spontanju Għaxqi 2026.

9.6.2 Tressqet korrispondenza dwar talba mill-iskola St.Anne Primary M'Skala sabiex fil-Karnival tat-Tfal jippreżentaw żifna. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

9.6.3 Tressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment dwar Miżura dwar is-Saħħa Mentali. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

9.6.4 Tressqet korrispomdenza dwar stedina għat-tlilaq taż-żwiemel organizzata mir-Reġjun. Il-Kunsillier Jesmond Manicolo ikkonferma li se jattendi f'isem il-Kunsill.

9.6.5 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex issir attivita' żgħira privata fuq Santu Rokku fejn titpoġġa Fun Bus u xi mwejjed u siġġijiet għal riċeviment żgħir. Il-Kunsill ma jsir l-ebda oġġezzjoni li jinħareġ il-permess tal-attivita' imma qabel li tintalab ukoll donazzjoni żgħira.

9.6.6. Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar is-sejħa pubblika għat-tender tal-iStreet Lighting Reġjonali. Il-Kunsill qabel li jinforma lir-Reġjun li jrid ikun parti mit-tender u s-servizz provdut reġjonali.

9.6.7 Tressqet korrispondenza oħra mir-Reġjun dwar fond ta' €800 għall-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-Kunsill qabel li jressaq talba sabiex jassisti l-Kumitat organizzattiv tal-Ġimgħa l-Kbira fl-armar ta' dawl adegwat u xi mobile toilets.

## 9.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.7.1 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi infurmat lill-Kunsill li se tkun qed torganizza ħarġa kulturali oħra fejn grupp ta' madwar 30 persuna jżuru il-Mużew Marittimu l-Birgu, imorru jżuru l-Berġa ta' Franza u hemm jieħdu xi cafe fil-Kunsill Lokali tal-Birgu. Din l-attivita' se ssir fl-1 t'April 2025. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li l-importanti li nħeġġu lil kull min ġej sabiex jekk m'għandux, japplika għall-passaport tal-Heritage. Dwar dan il-Kunsill qabel u fil-ġranet li ġejjin s jkun qed joħroġ l-avviż.

9.7.2 Il-Vici Sindku Brian Xuereb tkellem dwar diversi ilmenti li irċieva mingħand ir-residenti dwar l-għeluq tal-isqaqin ta' wara l-Knisja. Għaldaqstant huwa qed jipproponi il-bollards li minn ma ġenb il-Knisja jagħtu għal fejn il-ground tal-Kappillan jitneħħew u dan għaliex għar-residenti qed ikunu ta' inkonvenjent. Dwar dan kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti minħabba li din kienet deċiżjoni tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Vici Sindku Brian Xuereb, xtaq iressaq mozzjoni sabiex il-bollards jitħallew iżda fl-ebda ħin ma jingħalqu bil-katnazz biex l-aċċess fl-isqaqin jitħalla dejjem.

**Mozzjoni 09-03:** Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Steven Axisa

Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

9.7.3 Il-Kunsillier Steven Axisa tkellem dwar il-multi li qed jinħarġu lir-residenti fir-rigward tal-ħruġ tal-iskart. Huwa sostna li mhux kontra li jinħarġu l-multi fejn hemm l-abbużi imma l-multi għandhom ikunu ġusti. Il-Kunsill kollu qabel li huwa inġust li r-runner skond il-kuntratt jista' jitfa' l-iskart f'kantunieri u fi gzuz filwaqt li jekk resident jitfgħu fl-istess żona jaqla' ċitazzjoni.
Il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li ssir ittra mill-Kunsill biex f'każijiet ġenwini l-Kunsill jagħmel dikjarazzjoni favur ir-resident. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li ma taqbilx li għandna nkunu aħna bħala Kunsill li niġġustifikaw liema każijiet huma ġenwini u liema mhumiex.
Il-Kunsillier Steven Axisa ppropona li bħala Kunsill niktbu kemm lir-Reġjun kif ukoll lil-LESA dwar dawn il-multi u dwar dak li jaħseb u jaqbel il-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qabel.
Il-Kunsillier Stephen Attard ippropona li jinxtraw iktar signs biex l-iskart jitħalla wara l-bieb u jitwaħħlu iktar.
Wara din id-diskussjoni, il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li ssir template bħala dikjarazzjoni biex il-Kunsill jispjega kif qed titħaddem is-sistema u x'inhu permessibli li jsir. Din id-dikjarazzjoni se tkun qed tintbagħat lil kulħadd u kif tiġi kkonfermata tista' tibda' tingħata lil min jitlobha. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.8 Mozzjonijiet

9.8.1 Annessi mal-Minuti

## 9.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

9.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Ħamis 13 ta' Marzu 2025 fil-5.00pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| _________________________ | _________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 9**

**Mozzjoni Ref:** 9-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 8

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard**<br>**Proponent** | **Brian Xuereb**<br>**Sekondant** |

**Data:** 11 ta' Frar 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 9**

**Mozzjoni Ref:** 9-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 09(09)

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard** | **Naomi Mizzi** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 11 ta' Frar 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 9**

**Mozzjoni Ref:** 9-03

**Mozzjoni:**

Sabiex il-bollards li tpoġġew wara l-Knisja jitħallew iżda fl-ebda ħin ma jingħalqu bil-katnazz biex l-aċċess fl-isqaqin jitħalla dejjem.

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Steven Axisa**
**Sekondant**

---

**Data:** 11 ta' Frar 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**